SANTA LUĊIJA

# MINUTI – IS-SITT KUNSILL

## LAQGĦA NUMRU 09-12

Illum it-Tlieta, 18 ta' Diċembru 2012
Il-Kunsill iltagħqa fl-Uffiċċju Amministrattiv, 5/6 Binja tal-Faqqani, Trejqet il-Ġirasol, Santa Luċija f'12.00pm.

## PREŻENTI

Is-Sindku Frederick Cutajar, il-Viċi Sindku Terrance Ellul u l-Kunsilliera: Joe Bonello, Caroline Galea u Victor Camilleri.

## ASSENTI

Ħadd.

## TALBA

Is-Sindku qal it-talba.

## 1. MINUTI

Il-Minuti tal-Laqgħa numru 08-12 li saret nhar it-Tnejn, 19 ta' Novembru 2012, ġew moqrija u approvati.

### 1.1 *Mill-Minuti*

#### 1.1.1 *Skema Addotta Nannu*

B'referenza għal minuta 4.5 tal-laqgħa preċedenti ġie nnutat li ftit li xejn kien hemm rispons għall-parteċipazzjoni taħt l-iskema 'Addotta Nannu'. Filfatt is-Segretarju Eżekuttiv infurmat lil Kunsill li kien hemm biss żewġ anzjani li wrew interess filwaqt li minn naħa taż-żagħżagħ ma kien hemm l-ebda rispons. Is-Sindku qal li l-avviż ta' din l-inizjattiva ser jerġa' jiġi ppubblikat fin-*newsletter* li għandha titqassam qabel il-Milied. Il-Viċi Sindku ppropona li l-Kunsill jitkellem mal-Kappillan dwar din l-iskema.

#### 1.1.2 *Xogħol ta' manutenzjoni fi Triq Maria De Domenicis*

Il-Kunsillier Joe Bonello irrefera għal minuta 8.3 tal-laqgħa preċedenti u qal li jinnota bi pjaċir li sar ix-xogħol ta' manutenzjoni fuq il-bankina fi Triq Maria De Domenicis. Is-Sindku qal li dan ix-xogħol sar mill-ħaddiema ta' l-ETC li għandu assenjati miegħu l-Kunsill.

#### 1.1.3 *Parking Bays għal persuni b'diżabilita'*

Is-Sindku rrefera għal minuta 8.3 tal-laqgħa preċedenti fir-rigward ta' talba għal tlett *parking bays* għal persuni b'diżabilita' ħdejn il-Kappella fi Triq Ineż Soler. Huwa qal li mar fuq il-post u jidher li hemm biżżejjed *parking bays* u ma jarax din in-neċessita'.

## 2. KORRISPONDENZA

### 2.1 *Listi*

Lista tal-korrispondenza riċevuta u lista oħra tal-korrispondenza mibgħuta mill-Kunsill bejn id-19 ta' Novembru 2012 u t-18 ta' Diċembru 2012 ġew ippreżentati fil-laqgħa.

Kopja taż-żewġ listi ntbagħtu lil Kunsilliera kollha.

### 2.2 *Korrispondenza miġjuba għall-attenzjoni tal-Kunsill*

#### 2.2.1 *Ittri mibgħuta mill-Kunsill:*

- 1512/12/O – Dipartiment għall-Gvern Lokali – *Memo* 49/2012: Skema dwar Inizjattivi Sportivi fil-Lokalitajiet 2013

**2.2.2** ***Ittri li rċieva l-Kunsill:***

- 1384/12/I – Reġjun Nofsinhar – Proposta Kunsill Lokali Qormi dwar l-LES
- 1420/12/I – Emcare – Taħdidiet Edukattivi
- 1463/12/I – Aġenzija Żgħażagħ - *Empower*
- 1464/12/I – Goverment Property Department – Sit bejn Triq iż-Żinja u Triq it-Tulipan.

**2.2.3** ***Rapporti u Dokumenti oħra ppreżentati lil Kunsill:***

- SLLC *Memo* 26/2012 - Kwotazzjonijiet għall-istampar tan-*newsletter* tal-Kunsill ref: SLLC Q(57/12/13)
- SLLC *Memo* 27/2012 - Attivitajiet fl-okkażjoni tal-festa ta' Santa Luċija
- *Project Dossier ESF 3.62 European Social Fund – Me2 - integration of persons with a disability into the Labour Market*

**3. PUNTI MQAJMA**

**3.1** B'referenza għall-korrispondenza bin-numru 1384/12/I il-Kunsill iddiskuta l-proposta tal-Kunsill Lokali Qormi li ppropona li r-Reġjun Nofsinhar jgħati ta' l-anqas 10% tad-dħul miċ-ċitazzjonijiet lil lokalitajiet li fihom ikunu nħarġu l-multi. Il-Kunsill iddiskuta din il-proposta u qabel li ma jsibx oġġezzjoni sakemm din ma tkunx qed tfixkel jew tħalli mpatt negattiv fuq l-operat tar-Reġjun.

**3.2** B'referenza għall-korrispondenza bin-numru 1420/12/I il-Kunsill innota l-offerta ta' Emcare biex isiru taħdidiet edukattivi u preżentazzjonijiet li għandhom l-għan li jinfurmaw kif nies anzjani jistgħu jgħixu ħajja normali mingħajr periklu fid-dar tagħhom stess b'mod indipendenti. Il-Kunsillier Joe Bonello, li hu responsabbli mill-anzjani, ġie mitlub jikkordina din l-inizjattiva.

**3.3** B'referenza għall-korrispondenza bin-numru 1463/12/I il-Kunsill qabel li jipparteċipa fil-programm EMPOWER organizzat mill-Aġenzija Żgħażagħ li għandu l-għan li joħloq opportunita' sabiex ikun faċilitat l-iżvilupp ħolistiku taż-żgħażagħ. Ġie nnutat li għal din l-inizjattiva l-Kunsill irid iħallas €150 biex isiru sitt skedi ta' taħriġ b'tema li tintagħżel mill-Kunsill mill-lista provduta. Il-Viċi Sindku talab kopja ta' din il-korrispondenza.

**3.4** B'referenza għall-korrispondenza bin-numru 1464/12/I il-Kunsill iddiskuta korripsondenza mibgħuta mid-Dipartiment tal-Propjeta' tal-Gvern dwar talba li qed jagħmel resident biex jiġi allokat biċċa art / triq li tinsab bejn Triq iż-Żinja u

Triq it-Tulipan. Il-Kunsill qabel li din l-art għandha tibqa' art pubblika biex ma jkunux qed jonqsu l-*open spaces* f'din l-*area* partikolari. Il-Kunsill qabel ukoll li kif ikun finanzjarjament possibbli din l-*area* għandha tiġi *upgraded*.

## 4. KOMUNIKAZZJONIJIET

### 4.1 *Skrivana ġdida tal-Kunsill*

Il-Kunsilliera Caroline Galea staqsiet dwar l-ingaġġ ta' skrivana tal-Kunsill biex timla' l-post vakat ta' l-Uffiċċjal Eżekuttiv li ser tispiċċa fi Frar li ġej. Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li kif ġie spjegat fil-laqgħa preċedenti, il-Kunsill segwa l-proċedura stabbilita bil-liġi fejn l-ewwel ħarġet sejħa nterna. Hija kompliet tgħid li l-kandidata li applikat sarilha l-*interview* u kienet tissodisfa r-rekwiżiti kollha, għaldaqstant inħarġet *letter of acceptance* li ġiet aċċettata wkoll mill-applikant li aċċettat li tibda mill-1ta' Frar 2013 ħalli jkun hemm *hand over* tax-xogħol b'mod adekwat.

### 4.2 *Ftuħ uffiċċjali tal-Librerija Pubblika*

Is-Sindku tkellem dwar l-andament tal-ftuħ uffiċċjali tal-Librerija Pubblika u qal li kien sodisfatt ħafna bl-andament ta' din l-attivita'. Huwa rringrazzja lid-Direttur taċ-Ċentru Kulturali Ċiniż tad-donazzjoni ta' kotba mill-isbaħ b'tema Ċiniża, huwa wera l-apprezzament tiegħu wkoll lid-Diretturi ta' Agius and Agius Ltd. li flimkien mal-awtriċi Rita Grech organizzaw it-tnedija tal-ktieb bl' isem 'Jenny u ż-Żifna tal-Ħarifa'. Is-Sindku nforma wkoll li Agius and Agius Ltd. ser ikunu l-i*sponsors* ta' parti sostanzjali ta' l-ispiża biex jiġi ppubblikat ktieb dwar Santa Luċija miktub mill-ex-Kunsillier Malcolm Borg. Is-Sindku qal ukoll li xtaq jifraħ lil librara s-Sinjura Carmen Scicluna tax-xogħol organizzattiv tagħha bħala librara fil-Librerija Pubblika ta' Santa Luċija.

### 4.3 *Xogħol ta' manutenzjoni fi Triq l-Iris u Triq il-Ġiżimin*

Il-Kunsill innota lment minn residenta dwar ħsarat fi Triq l-Iris kaġun ta' l-għeruq tas-siġar li hemm f'din it-triq. Il-Viċi Sindku rrefera għal Triq il-Ġiżimin u qal li din ukoll għandha bżonn ta' manutenzjoni estensiva. Il-Kunsill qabel li jieħu parir tekniku dwar l-aħjar mod kif jistgħu jiġu ndirizzati dawn il-problemi.

### 4.4 *Memo 49/2012 –Skema dwar Inizjattivi Sportivi fil-Lokalitajiet 2013*

Is-Sindku rrefera għal *memo* hawn fuq imsemmija u nforma li l-Kunsill issottometta applikazzjoni għal fondi taħt din l-iskema. Huwa qal li l-proposta tal-Kunsill tirrigwarda korsijiet ta' attivitajiet fiżiċi għal residenti ta' kull eta` li hija simili għal dik l-inizjattiva li l-Kunsill irnexxielu jagħmel b'suċċess taħt skema oħra tal-Awtorita' tad-Djar.

## 4.5 *Żjara f'Malta minn żewġ studenti minn Gabiano*

Is-Sindku ntroduċa żewġ żgħażagħ minn Gabiano fl-Italja li bħalissa jinsabu Malta wara li ppartecipaw f'proġett jismu "Giovani senza konfini". Huwa qal li l-għan ta' din iż-żjara ta' ġimgħa huwa li biex dawn l-istudenti jieħdu esperjenza f'xogħol relatat ma' turiżmu u jipprattikaw il-lingwa ingliża. Is-Sindku qal li huwa rnexxielu jsibilhom *sponsor* għall-akkomodazzjoni u t-trasport f'Malta. Huwa qal ukoll li rnexxielu jakkwistalhom biljetti għal żjarat turisiċi madwar Malta.

## 4.6 *Diploma Allowance*

Is-Segretarju Eżekuttiv resqet quddiem il-Kunsill talba ta' l-Uffiċċjal Eżekuttiv is-Sinjura Louise Gatt li qed tipproponi li tingħatalha *diploma allowance* wara li din ikkwalifikat u kisbet Diploma f'*Management Studies* fl-Universita' ta' Malta. Is-Sindku qal li dawn il-kwalifiki huma ta' assi għall-amministrazzjoni tal-Kunsill u ppropona li din it-talba tiġi aċċettata. Il-Kunsill qabel ma' din il-proposta.

# 5. AFFARIJIET FINANZJARJI

## 5.1 *Ħlas ta' pagamenti*

Approvazzjoni għall-ħlas ta' kontijiet permezz ta' ċekkijiet minn numru BOV4322 sa numru BOV4344 kif illistjati fl-iskeda tal-pagamenti għal-perjodu bejn id-19 ta' Novembru 2012 u l-11 ta' Diċembru 2012.

Lista ta' *Schedule of Payments* intbagħtet lil Kunsillieri kollha flimkien mal-Minuti numru 08-12.

## 5.2 *Approvazzjoni għall-Ħlas tas-Salarji*

Salarji għax-xahar ta' Novembru 2012 Ammont *Gross* €5710.84

## 5.3 *Approvazzjoni għall-Ħlas ta' Kontijiet dwar Xogħolijiet bil-Kuntratt:*

| **Kuntrattur** | **Kuntratt** | **Kont** | **Euro** |
|---|---|---|---|
| Ronald Bezzina | (RC)57/10/01 | Nov.12 | 2793.00 |
| Vodafone Malta Ltd. | 312952 | CM-PABX Dec.12 | 70.63 |
| Owen Borg | (SS)57/12/01 | Nov.12 | 1025.00 |
| Karl De Flavia | Q(57/11/02) | 27/11/12 | 2375.00 |
| Karl De Flavia | Q(57/11/07) | 27/11/12 | 380.00 |

| | | | |
|---|---|---|---|
| Borg Contractors | Q(57/11/10) | SLC01 | 2521.30 |
| Borg Contractors | Q(57/11/10) | SLC02 | 498.75 |
| Ricky Caruana | RM/PF57/12/02 | 0001 | 1383.20 |
| Koperattiva Tabelli u Sinjali | *Sgns/Mkgs* | 17293 | 46.45 |
| Saviour Mifsud | (PCA)57/11/06 | 10 | 437.87 |
| ELC Ltd. | PKG57 | 9201 | 2061.00 |

### 5.4 *Approvazzjoni għal xiri ta' Brush Cutter*

Il-Kunsill approva kwotazzjoni għal xiri ta' *brush cutter* għall-ammont ta' €375. Is-Sindku qal li l-apparat li qed jintuża bħalissa għandu l-ħsara u biex jissewwa hemm spiża ta' madwar €250. Huwa qal li jaqbel aktar li jinxtara *brush cutter* ġdid.

## 6. PERFORMANCE BONUS GĦALL-IMPJEGATI TAL-KUNSILL

Il-Kunsill approva l-*performance bonus* tal-ħaddiema tal-Kunsill kif ġej:

| | |
|---|---|
| Caroline Silvio – Segretarju Eżekuttiv | 10% |
| Louise Gatt – Uffiċċjal Eżekuttiv | 6% |
| Claudia Costantino – Uffiċċjal Eżekuttiv | 6% |

## 7. AWGURI TAL-MILIED

Lejn tmiem din il-laqgħa s-Sindku u l-Kunsilliera taw l-awguri tal-Milied u s-Sena l-Ġdida lil xulxin u esprimew ix-xewqat tagħhom li l-Kunsill ikompli bil-ħidma tiegħu għal ġid tal-komunita’ kollha ta’ Santa Luċija. Is-Sindku ndirizza wkoll liż-żewġ żgħażagħ Taljani mill-Muniċipalita’ ta’ Gabiano fl-Italja li ġew mistiedna jkunu preżenti waqt din il-laqgħa. Is-Sindku wassal l-isbaħ xewqat bil-lingwa Taljana lis-Sindku u l-komunita’ ta’ Gabiano li ilhom ġemellati mal-Kunsill ta’ Santa Luċija sa mis-sena 2008.

## 8. TMIEM/AĠĠORNAMENT

Il-Laqgħa ntemmet fis-2.00p.m.

Il-Kunsill jerġa’ jiltaqa' nhar il-Ġimgħa, 25 ta' Jannar 2013 fis-7.00 p.m.

**Caroline Silvio**
**Segretarju Eżekuttiv**

**Approvati llum <u>il-Ġimgħa, 25 ta' Jannar 2013</u>**

**Frederick Cutajar**
**Sindku**